**PRIM`AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 18 ta` Marzu 2021**

**Kawza Nru. 4**
**Rik. Gur. Nru. 729/2017 JZM**

**Christopher Mifsud (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 278082M)**

***kontra***

**Giana G. Limited (C-30831)**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentatli kien prezentat fl-<u>10 ta` Awwissu 2017</u> li jaqra :–

*1. Illi r-rikorrenti rrenda servizz bhala kaptan, ufficjal u membru tal-ekwipagg fuq il-bastiment MY Giana G. liema servizzi baqa` jrendihom abbord il-bastiment sal-bierah meta huwa intalab*

*jieqaf jilta` fuq il-bastiment permezz ta` sms u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*2. Illi l-bastiment intimat, li huwa proprjeta` tas-socjeta` intimata li hi socjeta` registrata f` Malta bl-isem Giana G. Limited, jgib in-numru ufficjali 13722 ghandu tunnellagg gross ta` 94.09 u jtajjar il-bandiera Maltija.*

*3. Illi r-rikorrent huwa kreditur tas-socjeta` intimata stante li ghandu jircievi minghandha ammonti konsiderevoli f`pagi, bonuses u allowances dovuti lilu bhala kaptan, ufficjal u membru tal-ekwipagg fuq l-istess bastiment oltre kumpens ghal xoghlijiet u dmirijiet ohrajn li huwa kien inkarigat li jaghmel abbord l-istess bastiment mis-sidien taghha hekk kif ser jirrizulta mill-provi mressqa fil-mori tal-kawza odjerna.*

*4. Illi r-rikorrenti interpella lis-sidien tal-bastiment sabiex ihallasuh l-ammonti dovuti lill-istess rikorrenti izda dawn baqghu inadempjenti.*

*5. Illi r-rikorrent ghalhekk talab u ottjena l-hrug ta` mandat ta` arrest ta` bcejjec tal-bahar bin-numru 1078/2017 fl-ismijiet "Christopher Mifsud vs. Giana G. Limited", bil-ghan li jassigura li l-bastiment in kwistjoni jibqa` f` Malta u hekk ikun jista` jipprocedi b`din l-istanza. Kopja tal-imsemmi mandat hawn qed tigi annessa u mmarkata Dokument A.*

*6. Illi l-mandat ta` arrest kawtelatorju surreferit ghadu fis-sehh sal-gurnata tar-rikors odjern u ghaldaqstant il-bastiment jinsab fl-ibhra territorjali ta` Malta u taht il-gurisdizzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti.*

*7. Illi r-rikorrent jaf illi s-sidien tieghu ma ghandhom l-ebda eccezzjoni valida x`jissollevaw u dawn tal-ahhar huma a konjizzjoni tal-fatti suesposti.*

*Ghaldaqstant ighid il-bastiment intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tista` tkun necessarja :*

*1. Tiddikjara li s-socjeta intimata hija debitrici tar-rikorrenti ghall-pagi, bonuses u allowances dovuti lilu bhala kaptan, ufficjal u membru tal-ekwipagg fuq l-istess bastiment intimat.*

*2. Tiddikjara li s-socjeta intimata hija debitrici tar-rikorrenti ghall-kumpens dovut lilu ghax-xoghlijiet li huwa ghamel fuq ordni tal-istess socjeta` konvenuta lil hinn minn dak rikjest minnu fil-kuntratt ta` impjieg tieghu.*

*3. Tillikwida l-ammonti dovuti lir-rikorrenti inkluz kull arretrati ta` pagi, bonuses u allowances dovuti lilu bhala kaptan, ufficjal u membru tal-ekwipagg fuq listess bastiment, u kif ukoll kull kumpens li huwa dovut lill-esponenti tax-xoghol li huwa tqabbad jaghmel fuq l-istess bastiment, bl-interessi legali mid-data minn meta l-imsemmija pagi, bonuses u allowances u kumpens kienu dovuti sad-data tal-pagament effettiv.*

*4. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrenti l-ammonti hekk likwidati fit-talbiet precedenti.*

*5. Taghti kull provvediment iehor opportun skont ic-cirkostanzi tal-kaz.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta` arrest ta` bcejjec tal-bahar numru 1078/2017, kontra s-socjeta` intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni, u bir-riserva ta` kull azzjoni fil-ligi nkluz dik ghal danni, u ammonti ohra dovuti lir-rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata li kienet prezentata fil-<u>15 ta` Settembru 2017</u> u li taqra :-

*1. Illi l-esponent huwa debitament awtorizzat jaghmel din ir-risposta u jikkonfermha bil-gurament ghan-nom tal-kumpannija*

*intimata Giana G Limited permezz ta` prokura specjali moghtija lilu mill-istess kumpannija ffirmata mid-direttur taghha David Borg fit-13 ta` Settembru 2017 (kopja hawn annessa u mmarkata "CF 1") u ddikjarazzjonijiet minnu maghmula u kkonfermati f` din ir-risposta huma ibbazati fuq fatti u cirkostanzi hekk kif dedotti lilu mill-mandanti tieghu.*

*2. Ghal kull buon fini qed jingieb a konjizzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti illi l-isem korrett tal-kumpannja intimata huwa "Giana G Limited", u mhux "Giana G. Limited" kif indikat fir-rikors guramentat.*

*3. Illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

*4. llli r-relazzjoni tar-rikorrent mal-kumpannija intimata kienet wahda esklussivament ta` impjieg u kienet regolata permezz tal-kuntratt datat 1 ta` Lulju 2014, ipprezentat mar-rikors guramentat ("DOK CM1").*

*5. Illi klawzola numru 3.1 tal-kuntratt ta` impjieg imsemmi tiddeskrivi b`mod car l-obbligi tal-impjegat, ossia r-rikorrent, li jinkludu, inter alia, li jservi bhala kaptan abbord il-bastiment bl-isem Giana G, li tieghu il-kumpannija intimata hija is-sid; li jzomm l-istess bastiment "in a constant state of readiness to sail at very short "notice", u li jinforma lis-sid intimata f`kaz li jkun hemm bzonn ta` xoghol straordinarju fuq l-istess bastiment.*

*6. Illi l-istess kuntratt jistipula liema huma s-sieghat tax-xoghol tar-rikorrent, b`dan illi huwa esplicitament specifikat li tali sieghat huma "merely indicative" u li r-rikorrent "must make himself available at all times to meet the company`s needs and requirements within statutory limitations".*

*7. Illli inoltre, fi klawzola numru 5.1 il-kuntratt imsemmi jistipula li l-kumpannija kellha tirrimborza lir-rikorrent ta` kwalunkwe spiza li huwa jaghmel fil-qadi ta` dmiru` basta tali spiza tkun giet awtorizzata mill-kumpannija intimata u li jipprezenta l-ircevuti relattivi.*

*Il-kumpannija intimata m`hijiex konsapevoli ta` spejjez maghmula, awtorizzati u mhux imhallsa.*

*8. Illi l-paga tar-rikorrent thallset dejjem in linea ma` dak stipulat mil-kuntratt, u dan kif jirrizulta mir-rendikont ta` pagamenti maghmula minn jew ghan-nom tal-kumpannija intimat lir-rikorrenti fil-kont bankarju tieghu kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*9. Illi mill-bidu tal-impjieg tieghu mal-kumpanija intimata sakemm inbdiet din il-kawza, ir-rikorrenti qatt ma ghamel l-ebda ilment jew protesta, la dwar il-kondizzjonijiet ta` impjieg tieghu u anqas dwar hlas.*

*10. Illi inoltre ghad hemm diskrepanza fil-flus u nuqqas ta` gustifikazzjoni ta` certu ammont tal- `petty cash` illi r-rikorrent ghadu sal-lum ma tax gustifikazzjoni ghalihom.*

*11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jingiebu skont il-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-risposta guramentata.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra.

## II. <u>Provi</u>

**L-attur** xehed illi kien gie impjegat bhala kaptan biex jahdem fuq il-bastiment Giana G. Waqt li kien qed jaghti dan s-servizz, huwa kellu jahdem ukoll bhala ufficjal u membru tal-ekwipagg. L-impjieg tieghu kien li jaqdi d-dmirijiet ta` *Yacht Master*, u kellu paga gross ta` €42,000 fis-sena. Ipprezenta l-*log book* li juri n-numru ta` vjaggi li kellu jaghmel, liema vjaggi jmorru lil hinn minn dak li kienu l-obbligi tieghu. Il-ftehim kien li xogholu kellu jkun fl-ibhra territorjali maltin u li jiehu hsieb numru ta` *charters*. Skont il-kuntratt kellu jiehu hsieb `*any paying customers in the event that a commerical charter is undertaken*` izda d-dghajsa qatt ma ntuzat bhala *charter boat*.

Kompla jixhed illi s-sid kien Gianclaudio Gregorio, persuna anzjana, li kien juza d-dghajsa bhala *pleasure boat*. Dan kien qed jinghad ghaliex is-sid kien jippretendi li hu flimkien mas-siehba tieghu jittiehdu bid-dghajsa minn port ghal iehor. Is-sid kien jaf li l-uzu kien ta` *pleasure boat* u mhux *chartered boat.* Ghalhekk kien tah erba` kopji ta`kuntratt ta` *charter* biex jekk xi hadd jikkontrolla jkun jista` jiffirma. Minn ezami tal-*yacht charter contract*, kien jidher li l-persuna li kienet sejra tiehu d-dghajsa b`*charter* kienet Anna Maria Rachela, li tigi l-mara ta` Gianclaudio Gregorio.

Stqarr illi huwa ma kienx jagixxi biss ta` *master* izda kien jaqdi lis-sid fil-bzonnijiet u l-pjaciri personali taghhom, bhal li johrog il-kelb, jixtrilhom, isajjar u minhabba l-fatt li ma kellux ekwipagg kien jaghmel kollox hu. Kien hemm nies ohra impjegati mieghu : certu Rosario li kien impjegat bhala *deck hand* ; u certa Milena li kienet tahdem bhala *stewardess*. Billi dawn kienu persuni bla esperjenza, spicca jaghmel kollox hu.

Fisser illi kif jixhed il-*log book* kienu damu l-bahar xahrejn. Telqu minn Malta fit-12 ta` Lulju 2016 u regghu lura fit-3 ta` Settembru 2016. Id-dghajsa ntuzat bhala *pleasure boat*.

Qal illi huwa personalment kien inkorra spejjez li nefaq minhabba d-dghajsa u li ghalihom baqa` qatt ma thallas, fosthom :

i) kien iwassal lis-sid bil-karozza tieghu ; ghalhekk kellu jircievi hlas bhala taxi driver u tal-fuel.
ii) qatt ma kien rimborzat ghall-uzu tal-mobile phone.
iii) Kien hemm diversi kontijiet tal-internet li hallas hu.

Dwar il-klawsola 5 tal-kuntratt, xehed illi huwa ta r-ricevuti lis-sid. Ghalhekk mhux biss baqa` ma thallasx izda lanqas l-originali tar-ricevuti ma kellu. Ghamel kalkolu li kellu jithallas madwar €10,000 bhala spejjez. Dwar *petty cash*, ghalkemm kien ikun hemm dejjem €500, hu fil-fatt hareg ukoll €2,000.

Stqarr illi meta telqu minn Malta fit-12 ta` Lulju 2016, bhala membru tal-ekwipagg, kien registrat sid id-dghajsa, li ma kien jaf xejn, u bhala *deckhand* kien registrat certu Salvatore Cavallo, habib tas-sid, li wkoll ma kien jaf xejn.

Fisser illi meta beda jsehh il-kuntratt fl-2104, il-problemi bdew mill-ewwel. Id-dghajsa kellha bzonn issirilha *teak deck recaulking*. Gregorio talab stima tax-xoghol minghand Daniel Petrila Ltd li kienet ta`madwar €24,000 (Dok CM8). Minflok is-sid qabbad lilu biex jaghmel ix-xoghol u qallu li kien se jhallsu tax-xoghol. Ghalkemm ghamel ix-xoghol, baqa` ma thallasx. Apparti dan ghamel xoghol iehor fid-dghajsa meta ghamel xoghol ta` xkatlar ; anke ta` dan ix-xoghol baqa` ma thallasx. Xoghol ta` din in-natura ma kienx kompitu tal-*master* ; dak kien xoghol ta` manutenzjoni generali. Inoltre z-zewg kcejjen li kien hemm fid-dghajsa kienu fi stat hazin. Fil-fatt ghamel xoghol hu fihom u ta` dan ix-xoghol baqa` ma thallasx lanqas.

Kompla jixhed illi fil-kuntratt kienu ndikati l-hinijiet tax-xoghol u cioe` mit-8.00 a.m. sal-5.00 p.m. b`waqfa ta` siegha. Dawn il-hinijiet pero` qatt ma kienu rispettati ghaliex kien jahdem fuq fixra ta` 24 siegha kull gurnata bla ma jieqaf.

Stqarr li s-sitwazzjoni marret ghall-aghar meta lanqas beda jithallas il-paga. Kellu arretrati ta` €5,500. Ipprezenta mandat ta` arrest tad-dghajsa. Cempillu David Borg u qallu biex jiehu hsieb id-dokumenti tad-dghajsa u jmur ikellmu. Hu accetta. In segwitu qallu biex ma jitlax aktar fuq id-dghajsa. Wara li tkellem mal-avukat, ic-cwievet tad-dghajsa kienu depozitati l-qorti. L-ahhar jum li hadem fuq id-dghajsa kien fid-9 ta` Awissu 2017.

Ipprezenta prospett tal-pretensjoni tieghu li kienet tlahhaq il-figura ta` €213,900.

**<u>Martina Felice</u>** mid-ditta AIQ Accounting ipprezentat l-FS3s, l-payslips, emails u l-ftehim bejn il-partijiet (Dok MF1 sa Dok MF5). Kienet taf lill-attur fis-sens illi kien jitlob li jiltaqa` ma` David Borg, li kien id-direttur taghha, u hija kienet tghaddi l-messagg tieghu. L-accountant kien jiehu hsieb il-hlas tal-pagi tal-attur. Qalet li ma kienet taf b`ebda kuntratt iehor mal-attur apparti dak li pprezentat.

**<u>L-attur</u>** rega` xehed.

Stqarr illi l-kuntratt li pprezentat Martina Felice huwa differenti minn dak li kellu hu. Fil-fatt il-kuntratt ta` impjieg li ffirma huwa dak li pprezentat mar-rikors guramentat.

Qal li kien hemm ftehim iehor li kien iffirmat u li qieghed ghand David Borg. Hu ma kellux kopja ta` dan l-ftehim. Fih kien miktub li hu kellu dritt jithallas rata ta` 10% ghal kull *charter* li jaghmel, li jithallas tad-iesel tal-karozza u spejjez ohra bhal mobile u internet, kif ukoll ghal xogholijiet extra li jaghmel. Fi tliet snin qatt ma thallas tal-ispejjez li ghamel. Dawn jinsabu elenkati a fol 123. L-inkariku biex jaghmel ix-xoghol gie mis-sid u minn David Borg.

**<u>Joseph Saliba</u>** minn JobsPlus xehed illi l-attur kien ghadu registrat fl-impjieg ta` *yacht master* ma` Giana G. Limited b`effett mill-1 ta` Lulju 2014.

**<u>Diane Desira</u>** wkoll minn JobsPlus ipprezentat l-employment history tar-rikorrent.

**<u>David Borg</u>** xehed illi ma Awissu 2017 kien *sole director* tas-socjeta` ntimata.

Stqarr illi ma kien ebda ftehim iehor mal-attur apparti l-kuntratt ta` imjieg. Li jiftakar li kien hemm u li kien inkluz fil-kuntratt huwa li r-rikorrent kellu jiehu hsieb il-manutenzjoni ordinarja tad-dghajsa, u li jzommha dejjem nadifa minn barra u minn gewwa. Jekk imbaghad ikun hemm bzonn ta` manutenzjoni straordinarja kellu jitlob awtorizzazzjoni minghandu, mill-engineer Gutteridge, u minn wiehed mill-beneficjarji. Il-gimgha tax-xoghol tieghu kienet ta` 40 siegha.

Mistoqsi jekk jafx li r-rikorrent ghamel manutenzjoni straordinarja wkoll, wiegeb li ma jafx li saret. Lanqas kien infurmat li kienet se sssir manutensjoni straordinarja. Huwa personalment kien imur fuq id-dghajsa ghalkemm mhux regolarment.

Kompla jixhed illi d-dghajsa ghall-bidu kienet registrata bhala *private yacht* u wara kienet registrata bhala *commercial yacht*. Meta beda l-impjieg tal-attur, kienet *private yacht*. Wara ha hsieb isir ix-xoghol necessarju sabiex id-dghajsa tkun tista` ssir *commercial yacht*. Iikkonferma li ma kienx hemm ekwipagg iehor fuq id-dghajsa. Kien hemm ekwipagg darba biss u dan meta kienet hadmet d-dghajsa.

Minn ftakar id-dghajsa bahhret xi darbtejn jew tlieta ; darba meta l-attur tela b`ekwipagg u nizzel d-dghajsa minn Sqallija ; u darb`ohra meta kien hemm *commercial charter*, u n-nies prezenti fuq d-dghajsa kienu l-*beneficial owners*. Mistoqsi jekk kienx hemm *charters* ohra f`dawk it-tliet snin wiegeb li ma kienx hemm.

Dwar il-*petty cash*, xehed illi milli jiftakar huwa kien ta lill-attur jew €1,500 jew €3,000. L-ammont inghata sabiex l-attur jixtri *cleaning materials* u jaghmel manutensjoni ordinarja. L-attur kien imur perjodikament ll-ufficcju tieghu, jaghtihom ir-ricevuti, isir rendikont tal-*petty cash* li kien fadal, u jsir top-up. Sa Lulju 2017, il-bilanc dovut lill-kaptan kien ta` €1,060.

Stqarr li sar jaf bil-mandat tal-arrest tad-dghajsa b`kumbinazzjoni billi hadd ma kien infurmah.

Sahaq li ma kenitx dovuta paga lill-attur.

**<u>Fil-kontroezami,</u>** xehed illi huwa ma tterminax l-impjieg tal-attur pero` qallu biex f`dak l-istadju ma kellux imur aktar fuq id-dghajsa. Ma regax iltaqa` mal-attur u lanqas kellmu. Lanqas ma offra l-attur li jrodd ic-cwievet tad-dghgajsa jew id-dokumenti taghha li kienu fil-pussess tieghu.

Dwar il-paga, stqarr illi l-attur dejjem thallas ; xi drabi thallas ftit tard ; izda drabi ohra thallas kmieni wkoll. Kien hemm drabi fejn il-

*beneficial owner* kien ighaddi l-paga direttament fil-kont tal-attur bla ma ighaddi tramite s-socjeta` ntimata. Kien hemm drabi fejn thallas xahar jew anke xahrejn bil-quddiem : €5,000 kull wahda. Sal-ahhar ta` Awissu 2017, ma kienx hemm pendenzi mal-attur.

Qal illi meta beda l-kuntratt ta` impjieg tal-attur, dan kien iservi wkoll fuq dghajsa ohra. Kien hemm darba meta l-attur kien ghenhom f`*charter* ta` dghajsa ohra l-MV Aria, fejn kien parti mill-ekwipagg.

Stqarr illi ma kienx hemm ftehim ghall-hlas ta` xoghol li jaghmel l-attur barra l-kuntratt tieghu. Kull darba li l-attur kien jaghtih xi ricevuti dawn kienu jidhlu fis-sistema u jekk ikun hemm xi ammonti dovuti, dawn johorgu mill-kotba tas-socjeta`. Mill-verifiki li ghamel l-uniku ammont li kien dovut lill-attur kien ta` madwar €1,070 bhala *petty cash*.

Kompla jixhed illi wara li ma baqax direttur tal-intimata b`effett minn Settembru 2017, ma kellux aktar access ghal dokumenti tal-kumpannija.

Qal illi bhala membri tal-ekwipagg, il-*beneficial owner* kien mnizzel bhala wiehed minnhom ghaliex kien jaf id-dghajsa sew. Tnejn ohra kienu mara li kienet issajjar u ragel li kien *deckhand*.

Ikkonferma li Dok CG8 huwa dokument ippreparat mill-*accounting department* u huwa estratt mil-*ledgers* li juru l-hlasijiet li saru mis-socjeta` intimata bhala *petty cash* lil-attur. Id-dokument hareg fid-19 ta` Lulju 2017. Ipprezenta Dok DB li huwa aktar aggornat u li minnu jidher li dak li huwa dovut lir-rikorrent fir-rigward tal-*petty cash* huwa preciz €1,059.56.

**Keith Cutajar** minn Cutrico Limited ipprezenta l-kontijiet ta` xogholijiet (Dok CUT1 sa CUT3) li ghamlet il-kumpannija fuq il-bastiment Giana G, u li ma baqghu thallsux. Huma kellhom kuntatt mal-attur. L-ammont dovut kien ta` €495.60.

**Steve Mifsud** xehed illi huwa jigi hu l-attur. Ighid li ghamel xoghol ma` huh fuq id-dghajsa in kwistjoni. Ix-xoghol kien jinkludi t-tindif tal-bridges, l-ixkatlar taghhom u zewg passati zebgha. Kienu

damu xahar fuq dan x-xoghol. L-attur hallsu €1,300. L-attur kien qallu li ma kien rifuz lilu l-ammont li kien hallas lilu.

**Malcolm Cachia** xehed hu jahdem bhala *yacht master* u jaf lill-attur. Rah jahdem fuq il-Giana G ghal tliet snin. Xogholu kien li jqabbad in-nies biex jaghmlu x-xoghol necessarju ta` manutenzjoni tad-dghajsa. Mhuwiex il-kompitu ta` *yacht master* illi jnaddaf d-dghajsa jew li jsajjar. Fuq bastiment ta` 25 metru bhalma hi Giana G ghandu jkun hemm tal-inqas zewg membri tal-ekwipagg.

**Karl Borg** minn The Yacht Shop Ltd xehed illi jaf l-attur bhala l-i kien il-kaptan tal-Giana G. Huwa kellu kont miftuh maghhom u kien imur jixtri minghandhom dak li jkollu bzonn ghad-dghajsa. Ikkonferma li kien hemm *outstanding balance* favur taghhom ta` €500. Wara li ma baqax kaptan tal-Giana G l-attur ma jahdem band`ohra. Kien hu stess li rrakkomandah ghal xoghol iehor.

**Joseph Fenech** xehed illi fl-2016 ghamel xoghol fuq il-Giana G konsistenti f`*servicing* ta` *water markers* u istallazzjonijiet godda ta` taghmir tal-*hydraulic*. Ghamel ix-xoghol b`inkariku tal-attur. Dam jahdem fuq dak ix-xoghol ghal madwar gimgha u nofs u l-attur kien ikun mieghu kull jum li mar jahdem fuq id-dghajsa. Tax-xoghol ma kienx ghadu thallas. L-ammont dovut kien ta` €1,767. L-ewwel ma baghat il-kont kien lill-attur. Imbaghad dan qallu biex jibghat il-kont lis-socjeta` ntimata.

**Av. Clayton Fenech** xehed illi sal-ahhar tal-2018 huwa kien direttur tas-socjeta` ntimata.

Xehed illi c-*charter agreements* li ghamlet l-intimata bejn l-1 ta` Lulju 2014 u l-21 ta` Lulju 2017 huma dawk diga jirrizultaw fl-atti ta` din il-kawza.

Dwar pagament li saru ghal dawn ic-*charters* stqarr illi ma kellux dokumenti.

Dwar prova b`dokumenti tal-hlasijiet li saru lill-attur mill-intimata fuq ricevuti li ghadda l-attur, ma kellux dokumenti fil-pussess

tieghu ; lanqas informazzjoni diretta. Pero` kemm dam hu direttur, la rcieva ricevuti u lanqas saru pagamenti.

**<u>Gian Claudio Gregori</u>** xehed illi huwa l-beneficjarju tas-socjeta` ntimata, li hija s-sid tad-dghajsa Giana G.

Stqarr illi huwa personalment baghat flus direttament lill-attur fi tliet okkazjonijiet, total ta` €13,000. Kif stqarr mal-attur stess, dawk kienu hlas bil-quddiem tal-paga tieghu.

Xehed illi bejn l-2013/2014 l-intimata kienet inkarikat lill-Ing. Gutteridge sabiex jaghmel survey u rapport dwar id-dghajsa qabel tinzel minn Sqallija ghal Malta. Id-dghajsa kienet f`kundizzjoni perfetta ghaliex kien ghad kif ikollha *refitting*. Meta waslet Malta saret spezzjoni ohra f`Lulju 2016, u harget licenzja kummercjali. In segwitu saret spezzjoni ohra fl-2017 biex tiggedded il-licenzja izda din ma setghetx tohrog ghaliex id-dghajsa kienet f`kundizzjoni disastruza. Saret manutenzjoni tant hazina tad-dghajsa li f`dak l-istat ma setghetx tkompli tintuza ghal *charters.* Ing. Gutteridge hejja rapport dwar dan. Kien inkarikat ukoll tekniku Taljan bl-isem Andrea Pizzini li wara li spezzjona d-dghajsa ghamel rapport fejn jinghad illi d-dghajsa ntuzat hazin ghaliex apparti li n-naha ta` barra taghha ma kenitx saritilha, il-parti ta` gewwa kien jidher li ntuza hafna u l-hin kollu. B`din l-evidenza fil-pussess tieghu, kienet prezentata ittra ufficjali ghal-likwidazzjoni u hlas ta` danni kontra l-attur.

Kompla jixhed illi l-attur kellu paga ta` €40,000 fis-sena. Fit-tliet snin u xahar li dam jahdem mal-konvenuta, l-attur kellu jithallas mhux aktar minn €129,500. Abbazi tad-dokumenti li pprezenta, jirrizulta li l-attur fil-fatt kien thallas b`kollox l-ammont ta` € 150,077. Dak ifisser li kien thallas € 20,577 milli kien haqqu. Irrizulta wkoll illi f`*petty cash* hu kien ircieva total ta` € 32,000) u cioe` qisu €1,000 ghal kull xahar li dam fl-impjieg. Inoltre rrizulta li l-attur kien ghad kellu fil-pussess tieghu l-ammont ta` € 4,267 minn tal-kumpannija.

Stqarr illi kemm dam l-attur kaptan maghhom sar *charter* wiehed biss. Ic-certifikat biex id-dghajsa tkun tista` tintuza ghac-*charters* kummercjali wasal f`Lulju 2017. Ghalhekk huwa ghamel uzu mid-dghajsa f`Awissu ; l-ekwipagg kien kompost mill-attur bhala *master,* il-bahri Salvo Cavallo (li dam hamest ijiem), bahri iehor Rosario li qaghad ghall-vjagg kollu u Milena li kienet tnaddaf u ssajjar.

Ghall-bqija, id-dghajsa baqghet wieqfa fil-port. Ghalhekk ma setax jifhem kif l-attur kien qed jippretendi li jithallas paga talli qal li sajjar jew naddaf id-dghajsa.

Dwar allegat servizz li l-attur ighid li tah bhala taxi driver, xehed li huwa kien gie Malta xi darbtejn jew tlieta u mar ghalih l-attur. Haseb li dak kien semplici gest ta` kortesija min-naha tal-attur. In kambju ghal dak il-gest, huwa hallas lill-attur €100.

**Fil-kontroezami,** xehed illi Dok CG8 tlesta mill-*accountant* tal-konvenuta. Qal li ma jafx x`kien xehed David Borg f`din il-kawza. Pero` skont Dok CG8 il-kreditrici kienet il-konvenuta mhux l-attur.

Stqarr illi l-attur kien qallu li kellu problemi mal-bank dwar self li kien ghamel ghad-dar. Qallu li ma kienx jaf kif se jhallas. Kien ghalhekk illi tah pagi bil-quddiem.

Qal illi l-attur telaq minn maghhom f`Lulju 2017. Huwa thallas anke l-paga ta` Awissu 2017. L-attur abbanduna d-dghajsa minghajr ebda raguni u l-gurnata ta` wara pprezenta mandat fil-qorti.

Ighid li apparti l-kuntratt ma kienx hemm arrangament jew ftehim iehor mal-attur. Mistoqsi jekk jafx li r-rikorrent ma kienx qed jithallas ghal ispejjez li kien qed jaghmel, wiegeb li mhux kien il-kaz ghaliex l-attur kellu l-*petty cash*.

Mistoqsijafx li €13,000 li kkonsenja lill-attur intuzaw biex ihallas l-ispejjez li kienu saru fuq id-dghajsa, wiegeb illi milli jaf hu mhux hekk kien il-kaz ghaliex il-flus intuzaw biex l-attur dejn personali li kellu.

Cahad illi talab lill-Ing. Gutteridge fejn jaghmel rapport falz.

Xehed **rapprezentant tal-Kummissarju tal-Pulizija** li pprezenta kopja ta` rapport li sar fis-17 ta` April 2017.

**Ing. Kurt Gutteridge** xehed illi l-professjoni hija dik ta` *naval architect* u *marine engineer.* Ikkonferma li huwa hejja r-rapporti Dok

CG 2 u CG 4 dwar id-dghajsa in kwistjoni.  Wara t-tieni rapport ma kienx rega` spezzjona d-dghajsa.

**Fil-kontroezami**, stqarr fl-2013 huwa kien ghamel rapport dwar mankanzi li kellha d-dghajsa u li kellhom jigu rettifikati sabiex tkun tista` tigi certifikata li tista` topera fuq bazi kummercjali taht il-bandiera Maltija. Jiftakar li s-sid Gregori kien imhasseb ghaliex certa manutenzjoni tad-dghajsa ma kenitx qeghda ssir.  L-attur kien qallu li ma kellux flus biex jaghmel ix-xogholijiet. Fir-rapport tal-2018, huwa indika dawk ix-xogholijiet li kien fadal x`isiru.

Mistoqsi dik it-tip ta` dghajsa kemm kellha bzonn membri tal-ekwipagg, stqarr li bhala minimu kellha bzonn ta` yacht master u bahri.

Mistoqsi huwiex kompitu tal-kaptan li jaghmel xoghol ta` manutenzjoni, wiegeb illi l-funzjoni ta` kaptan hija li jara li d-dghajsa tkun konformi mal-ligijiet marittimi. Normalment fuq dghajjes ta` da kit-tip, huwa komuni li l-kaptan jaghmel ukoll manutenzjoni.

**Andrea Pezzini** xehed illi l-professjoni tieghu hija dik ta` perit tekniku fil-qasam marittimu.  Ikkonferma l-kontenut tar-rapport tieghu a fol 548.  Sab li d-dghajsa kienet fi stat ta` manutenzjoni baxx hafna. Il-parti ta` barra kellha aktar hsara mill-parti ta` gewwa u anke l-impjanti ma kienux mizmuma tajjeb. Fit-tieni spezzjoni li ghamel sab li l-parti ta` gewwa kienet qed tintuza milli l-istat li fih kienet tinsab il-kcina. Hafna mill-makkinarju ma kienx qed jahdem u l-istrumenti li jintuzaw ghan-navigazzjoni ma kienux gew aggjornati.  Ghalhekk id-dghajsa ma kenitx f`kondizzjoni li tbahhar.

**Barbara Tambani** xehdet illi f`Ottubru 2018 saret direttur u accountant tas-socjeta` konvenuta.  Murija Dok CG8 xehdet illi dak kien estratt mill-kotba tal-kumpannija li kienu saru minn David Borg.

## III. Sottomissjonijiet

Il-partijiet ipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

**1. L-attur**

**Fil-qosor** :

Wara li jaghmel referenza ghall-pattijiet u kondizzjonijiet tal-kuntratt tal-impjieg tieghu, l-attur jirreferi ghal-*log book* Dok CM2. Ighid li x-xoghol tieghu bhala *yacht master* kien li jaghmel navigazzjoni fl-ibhra territorjali ta` Malta u jiehu hsieb *charters*. Id-dghajsa ntuzat bhala *pleasure boat* aktar milli bhala *charter boat.* Kie jiehu lis-sid beneficjarju taghha minn port ghal port.

Jishaq li mexxa bl-azzjoni ghaliex :

i) ma kienx jinghata ikel.
ii) ghalkemm kien impjegat bhala *yacht master* kellu jaghmel xoghol ta` *deck hand* u *steward*.
iii) kien hemm zmien fejn dam fuq il-bahar aktar minn xahrejn.
iv) ma thallasx li kellu jaghmel fid-dghajsa.
v) ghamel xoghol ta` manutenzjoni mhux ordinarja bhall-ixkatlar tad-dghajsa.

**2. Is-socjeta` konvenuta**

**Fil-qosor** :

Jinghad illi l-attur ghamel diversi allegazzjonijiet li pero` baqghu mhux ippruvati.

Mill-kuntratt ta` impjieg tal-attur jirrizulta li l-attur kellu jiehu hsieb il-manutenzjoni tad-dghajsa. Dan il-fatt isib konferma anke fid-desposizzjoni tal-Ing. Gutteridge.

Huwa ppruvat illi d-dghajsa ghamlet vjagg wiehed biss u ghall-bqija baqghet dejjem fil-port ta` Malta. Ghalhekk l-attur kellu zmien kemm ried sabiex jaghmel manutenzjoni akkurata.

Dwar l-allegazzjoni li l-attur kien sprovvista minn ekwipagg, inghad illi apparti l-fatt li l-ingagg tal-ekwipagg kien responsabilita` tieghu, jirrizulta li ghall-uniku vjagg li ghamlet id-dghajsa kellu ekwipagg kemm kien hemm bzonn.

Is-socjeta` konvenuta kkontestat l-allegazzjoni tal-attur li apparti l-kuntratt tal-impjieg kien hemm xi ftehim iehor bejn il-partijiet. F`li stqarr l-attur kien kontradett kemm minn David Borg kif ukoll minn Gian Claudio Gregori li cahdu l-ezistenza ta` dan l-allegat ftehim.

## IV. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

L-attur qieghed jirreklama hlas ta` pendenzi li l-konvenuta ghandha mieghu : paga, bonuses u allowances ; kif ukoll spejjez li hareg ghall-manutenzjoni tad-dghajsa in kwistjoni. Il-konvenuta impjegat b`kuntratt tax-xoghol lill-attur bhala *yacht master* ghad-dghajsa Giana G.

Meta attur jallega li konvenut huwa debitur tieghu, u l-konvenut jirrespingi l-pretensjoni billi jeccepixxi l-pagament jispetta lill-konvenut li jaghmel il-prova tal-pagament. Fl-istess waqt jibqa` dejjem l-obbligu tal-attur li jaghmel il-prova tan-natura u tal-konsistenza tal-ammont pretiz bhala dovut.

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta` Novembru 2003 fil-kawza **<u>Ian Abela Fitzpatrick noe v. Web Trading Limited</u>** inghad hekk :-

*Il-prova tal-pagament, kemm jekk hux ghas-saldu jew le, ma hijiex indispensabbli l-prova skritta jew il-produzzjoni ta` ricevuta. Huwa bizzejjed li l-hlas jigi pruvat bi kwalunkwe mod li jikkonvinci lill-qorti, naturalment skont ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz, kif emergenti mill-provi processwali.*

*Il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f`kaz ta` dubju ragjonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa` fuq l-attur mill-bidu sal-ahhar tal-kawza*

*ghax hu jallega d-debitu ukulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu.*

Fil-kaz tal-lum l-attur elenka l-ammonti pretizi minnu fid-dokument a fol 35.

Waqt li kien qed isir il-gbir tal-provi, il-qorti setghet tikkostata li dwar aspetti mportanti tal-vertenza kien hemm konflitt ta` provi.

Kif ghandha ggib ruhha l-qorti meta tkun rinfaccjata b`konflitt ta` verzjonijiet li xi drabi jkunu dijamettrikalment opposti ?

Fis-sentenza li tat fl-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza **<u>Xuereb et v. Gauci et</u>** il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ttrattat il-konflitt ta` provi fil-kamp civili billi qalet hekk –

*Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440).*

(ara wkoll : "**<u>Bugeja v. Meilak</u>**" – PAQC - 30 ta` Ottubru 2003 ; "**<u>Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta v. Difesa</u>**" – PAQC – 28 ta` Mejju 2003 ; "**<u>Farrugia v. Farrugia</u>**" – PAQC - 24 ta` Novembru 1966)

Fis-sentenza ta` din il-qorti diversament presjeduta tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**Ciantar v. Curmi noe**" kien precizat hekk –

*Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)*

(ara wkoll : "**Camilleri v. Borg**" – **Appell Civili** – 17 ta` Marzu 2003 "**Zammit v. Petrococchino**" – **Appell Kummercjali** – 25 ta` Frar 1952 ; "**Vassallo v. Pace**" – **Appell Civili** – 5 ta` Marzu 1986)

Fis-sentenza li tat din il-qorti diversament presjeduta fis-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza fl-ismijiet "**Chef Choice Limited v. Raymond Galea et**" inghad hekk :-

*… Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta` prova fil-procediment civili m`huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b`daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju. Izda f`kazijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kwazi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdahhal xi eghmil tal-qerq tal-parti mharrka huwa ammess li "f`kawza civili d-dolo jista` jigi stabbilit anke permezz ta` presunzjonijiet u ndizji, purke` s`intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b`tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f`min hu msejjah biex jiggudika" (ara - P.A. PS -*

*Emanuel Ciantar vs David Curmi et - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).*

*Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b`mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Mercieca). Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma` dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, l-Qorti tista` taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil).*

*Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f`kawza li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*

*… Izda dak li jghodd f`kawza m`huwiex l-ghadd tax-xhieda mressqa ghaliex "il-fatt li xhieda jkunu gew prodotti minn parti partikolari f`kawza ... certament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b`ghajnejha maghluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jghidu `favur` il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jigix prodott biex jixhed `favur` parti jew `kontra` ohra, imma jigi prodott biex jghid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha" (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi et)*

*Illi l-Qorti tqis li, izda, bhal ma jigri f`kazijiet bhal dawn, il-verzjonijiet tal-partijiet u ta` dawk li setghu nvoluti maghhom ikunu tabilfors mizghuda b`doza qawwija ta` apprezzament suggettiv ta` dak li jkun gara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, u dan jghodd ukoll ghall-verzjonijiet li jaghtu dawk il-persuni l-ohrajn li jkunu b`xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x`kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet ;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m`huwiex dak ta` provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li*

*kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m`ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.) Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta` prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, l-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista` toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta` xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta` ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta` gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta` April 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** inghad :-

*(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5 ;*

*(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, `jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta` – Ara Vol. XXXVII/i/577 ;*

*(iii) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju `n kwantu timponi fuq il-gudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat ;*

*(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu.*

Inkwadrati l-principji ta` dritt kif riflessi fil-gurisprudenza, il-qorti sejra taghmel referenza ghall-pern tal-kwistjoni bejn il-partijiet u cioe` l-kuntratt tax-xoghol tal-1 ta` Lulju 2014.

Fis-sentenza moghtija fil-5 ta` Ottubru 1998 mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **"<u>Beacon v. Spiteri Staines</u>"** jinghad illi –

*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa` dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali li trid tigi osservata - pacta sunt servanda.*

Skont l-**<u>Art 993 tal-Kap 16</u>** – *Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi."* (ara – "**<u>Depares noe v. O` Dea noe</u>" –** Appell - 25 ta` Gunju 1996).

Skont l-**<u>Art 1002 tal-Kap 16</u>**, fejn il-kliem ta` konvenzjoni mehud fis-sens skont l-uzu tal-kuntratt huwa car, ma hemmx lok ta` interpretazzjoni ("**<u>Spiteri v. Borg</u>"** – PAQC – 30 ta` Novembru 2000 ; u **"<u>Borg vs Xuereb</u>"** – Appell Civili – 30 ta` Marzu 1997).

Il-**<u>klawsola 3</u>** tal-kuntratt tghid :-

*The employee is engaged as Yacht master and to perform such other services, not incompatible with those of a Yacht Master, as may be required by the Company. Specifically, the Master shall be responsible for the following :*

- *The general upkeep of the yacht both externally as well as internally to a very high level of cleanliness as well as its maintenance in constant state of readiness to sail at very short notice ;*

- *The safety and well-being of any crew members appointed from time to time, authorised visitors, clients of the company, guests and any paying customers in the event that a commercial charter is undertaken ;*

- *The maintenance of a daily on-board log ;*

- *The notification in writing to the Employer of any extraordinary maintenance that may be required to vessel or to any on-board systems or equipment in order to ensure that the yacht is maintained at an optimum level of operational capacity and safety.*

**Fl-istess klawsola 3** ikompli jinghad :-

*The employee is engaged on a 40-hour week basis. The normal working hours are 8.00am to 5.00pm with an hour`s lunch break. These hours are merely indicative, and the employee may be requested to perform work at other hours or on a different timetable, even at short notice, and to be on call on such hours as may be indicated by the Company, subject to his rights to the statutory hours of rest.*

Is-salarju tal-attur kien ta` €42,000 gross fis-sena.

Imbaghad fil-**klawsola 5** tal-kuntratt, kien patwit illi s-socjeta` konvenuta kellha trodd lill-attur kull spiza li tkun awtorizzata mir-rapprezentanti taghha wara li jipproduci ricevuti kif ukoll li l-attur kellu jkollu ghad-disposizzjoni tieghu bizzejjed *petty cash* ghall-ispejjez ta` kuljum.

Ghalkemm l-attur jikkontendi li apparti l-kuntratt tal-1 ta` Lulju 2014 kellu ftehim iehor mal-konvenuta, ma tressqitx mill-attur prova konklussiva u sodisfacjenti ta` dan l-allegat tieni ftehim. Fl-apprezzament tal-provi, il-qorti sejra toqghod fuq l-ahjar provi li jkunu oggettivi u certi.

L-attur ipprezenta *logbook.*

Jirrizulta li fit-12 ta` Lulju 2016, id-dghajsa telqet minn Malta fil-11.45 a.m. u waslet Marina di Ragusa fi Sqallija fis-7.00 p.m. Dan huwa l-vjagg li li waqt il-gbir tal-provi issemma bhala l-uniku vjagg *charter* li ghamlet id-dghajsa kemm dam l-attur fl-impjieg tal-konvenuta.

Mil-*logbook* jirrizulta li dan il-vjagg dam sat-3 ta` Settembru 2016 meta d-dghajsa waslet lura Malta fit-3.30pm.

Skont il-*logbook* jirrizulta l-hin li l-attur dam fin-navigazzjoni ; il-hin ivarja minn tliet kwarti ghal sebgha sighat u nofs. Kien hemm zewg okkazjonijiet fejn il-vjagg ha ghaxar (10) jew hdax (11) –il siegha.

Dan huwa l-uniku vjagg li huwa dokumentat fil-*logbook.*

Mir-risultanzi tal-*logbook* il-qorti ssib konferma tal-verzjoni tal-konvenuta li d-dghajsa ghamlet dak il-vjagg biss fit-tliet snin u xahar kemm dam l-attur impjgeta maghha.

Kienu prezentati dokumenti tat-taxxa fejn jirrigwarda l-attur i.e. l-FS5s mnejn jidher li t-taxxa u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali tal-attur kienu thallsu.

Kienu prezentati l-*payslips* tal-attur.

Ghalkemm jirrizulta li l-attur thallas il-paga regolarment, jirrizulta li ma thallasx il-paga ta` Gunju, Lulju u Awissu 2017.

Tirrizulta l-*payslip* a fol 242, fejn hemm miktub : `*paid by client directly`.* Id-dokument huwa konferma ta` dak li xehed Gregori. Ghalhekk il-€5,000 li hallas lill-attur fit-3 ta` Frar 2017 kienu jkopru l-paga b`differenza favur r-rikorrent ta` €910.57). L-istess fil-*payslip* a fol 243, fejn Gregori hallas direttament lill-attur €5,000 ohra fl-14 ta` April 2017, din id-darba d-differenza favur l-attur kienet ta` €1,998.73, billi l-paga kellha tkun ta` €3,001.27. Imbaghad il-paga ta` Mejju 2017 li wkoll thallset minn Gregori kienet ta` €3,000.

Jirrizulta li apparti l-paga l-attur kien thallas €5,909.30.

Il-*payslips* juru li l-attur ma kienx thallas il-paga ta` Gunju 2017 (€3,102.37) ; ta` Lulju 2017 (€2,957.42) ; u ta` Awissu 2017 (€ 3,001.27). Billi l-attur telaq mid-dghajsa fid-9 ta` Awissu 2017, l-ahhar paga trid tithallas *pro rata.*

Il-kontegg tal-pagi li ma thallsux iwassal ghal €7,185.24 [€3,102.37 + €2,957.42 + €1,125.48].

Ladarba rrizulta li l-attur kellu ghandu €5,909.30 li kienu tal-konvenuta, jibqa` bilanc favur tieghu ta` €1,275.94.

Dwar ir-rendikont tal-*petty cash*, fol. 403 et seq, l-attur stqarr li ghad irid jithallas is-somma ta` €1,214.10.

Fir-rendikont tal-*petty cash,* fol 676 et seq, li pprezenta David Borg, jirrizulta li l-attur ghandu jiehu €1,059.56.

Dwar il-*petty cash* il-qorti tosserva li kien hemm :

- pagamenti regolari.
- pagamenti regolari ghal *travelling and accomodation*.
- Il-parti l-kbira tal-pagamenti saru ghal *repairs and maintenance* tad-dghajsa.
- pagamenti regolari ghal *water, groceries and sundry expenses.*
- Fix-xaghrejn li dam il-vjagg ta` xahrejn madwar Sqallija, jirrizulta l-hlas ta` spejjez ghal *meals and entertainment* u *telephone costs.*

Ghalkemm ma kienx permess illi l-attur jahdem ma` haddiehor waqt li kien fl-impjieg tal-konvenuta, irrizulta mid-dokument li pprezenta r-rapprezentant ta` JobsPlus li bejn il-11 ta` April 2011 u l-31 ta` Ottobru 2016 l-attur kien impjegat ukoll bhala *crew* mas-socjeta` Farrugia Investements Ltd.

Jirrizulta ppruvat (ara x-xiehda tar-rapprezentant ta` Cutrico Limited u ta` The Yacht Shop) li l-attur xtara prodotti u servizzi ghad-dghajsa bla ma hallas ghalihom. Fil-fatt ghadhom dovuti sal-lum mis-socjeta ntimata ghaliex l-akkwist sar mill-attur ghan-nom taghha.

Jirrizulta ppruvat wkoll dak li xehed Gregori, u cioe` illi kien ghadda lir-rikorrent l-ammont komplessiv ta` €13,000 bhala pagi li thallsu bil-quddiem.

Jirrizulta ppruvat li fl-uniku vjagg li ghamlet id-dghajsa u cioe` dak minn Malta lejn Sqallija u lura ta` bejn Lulju 2016 u Settembru 2016, apparti l-attur, fl-ekwipagg kien hemm *deckhand* u persuna li kienet tiehu hsieb it-tisjir u t-tindif. Il-komposizzjoni tal-ekwipagg ghal dik it-tip ta` dghajsa kienet skont in-norma kif ikkonferma l-Ing. Gutteridge.

Fl-isfond tar-rizultanzi ppruvati, il-qorti tirreferi ghall-pretensjoni ta` hlasijiet li ressaq l-attur (a fol 35) :-

1. Spejjez ta` upkeep tal-bastiment li skont l-attur kien ghadda t ricevuti dettaljati lil David Borg : €10,000.

   Ma kenitx prezentata lill-qorti mqar kopja ta` dawn l-allegati ricevuti.

   Fir-rendikont ta` David Borg, ma jirrizultaw imkien.

2. Arretrati ta` paga : €5,500.

   Abbazi tal-provi, l-attur fadallu jithallas €1,275.94.

3. Leave ta` xaghrejn :

   Mhux ippruvat.

4. Paga sad-9 ta` Awissu 2017 :

   ara *supra*.

5. Kumpens ghal Teak Deck Recaulking stmat minn Daniel Petrila Ltd fl-€24,000 :

   Ebda prova li si trattava ta` manutenzjoni straordinarja.
   Ebda prova li kienet awtorizzata mill-konvenuta.

6. Servizz ta` taxi-driver u uzu ta` fuel u karozza :

Din hija pretensjoni mhux ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi.

7. Uzu ta` mobile phone u internet :

L-attur thallas.

8. Bonus statutorju :

L-attur thallas.

9. L-ispejjez tal-kawza u l-mandat ta` arrest tad-dghajsa :

Jirrizulta aktar `il quddiem.

10. Telf ta` impjieg minghajr raguni :

Dik materja tat-Tribunal Industrijali.

11. Fire extingusher pipe mil-Lazzaret ghall-Engine room :

Ebda prova li hemm ammont dovut lill-attur.

12. Sanding, painting u tiswijiet : €3,000

Ebda prova li hemm ammont dovut lill-attur.

13. Sanding, painting u tiswija fuq toqob tas-sadid :

Ebda prova li hemm ammont dovut lill-attur.

14 Zebgha tal-bridges tad-dghajsa : €1,300.

Ebda prova li huwa ammont dovut mill-konvenuta.

15 Zebgha mad-dawra tad-dghajsa : €3,000

Ebda prova li huwa ammont dovut mill-konvenuta.

16 Service tal-magni u zewg generators u xogholijiet fil-pompi tal-ilma : €2,200

Ebda prova li huwa ammont dovut mill-konvenuta.

17 Xoghol ta` polish : €3,500

Ebda prova li huwa ammont dovut mill-konvenuta.

18 Tiswija ta` medja : €1,000
Ebda prova li huwa ammont dovut mill-konvenuta.
19 Kumpens talli kien johroglu l-klieb – ma saret l-ebda prova ;
20 Tiswijiet fil-passarella teak u xoghol ta` twahhil - € 500 – mhux ippruvata.
21 Xoghlijiet fl-ghamara inkluz vernic - € 6,000 – mhux ippruvata.
22 Kumpens ghal xoghol zejjed waqt il-vjagg.
Ma jirrizultax.

Il-qorti tosserva li l-provi dokumentarji li jikkostitwixxu l-ahjar prova ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi jwarrbu ghal kollox il-bicca l-kbira tal-pretensjonijiet tal-attur.

Minn ezami akkurat tal-*logbook* li principalment jirreferi ghal vjagg ta` Sqallija l-qorti nnotat is-sighat li hadem ir-rikorrent matul il-vjagg. Ghalkemm kien hemm drabi fejn hadem ghal aktar minn tmien sighat, kien hemm aktar okkazjonijiet fejn hadem hafna inqas minn tmien sighat. Ing Kurt Gutteridge xehed illi huwa naturali ghal kaptan li meta d-dghajsa tkun fil-port u ma tkunx qed tintuza jaghmel xoghol ta` manutenzjoni ordinarja. Dak huwa parti mix-xoghol ta` kaptan. Inoltre huwa ukoll parti mix-xoghol ta` kaptan li jinforma lis-sid meta jkun hemm bzonn ta` xoghlijiet straordinarji xi jsiru.

Il-qorti tkompli tosserva li kontra ghal dak li sostna l-attur li d-dghajsa ntuzat bhala *pleasure boat* ghal numru ta` drabi mis-sid u li kien iwassal lis-sid minn port ghal iehor, jirrizulta li effettivament dan gara ghal vjagg wiehed biss. Minbarra dan huwa proprju xoghol il-kaptan li jwassal d-dghajsa minn port ghal iehor.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet u dwar l-eccezzjonijiet billi qeghda taqta` u tiddeciedi hekk :-**

**Tilqa` l-ewwel (1) talba parzjalment.**

**Tichad it-tieni (2) talba.**

**Tipprovdi dwar it-tielet (3) talba billi tillikwida favur l-attur hlas komplessiv fl-ammont ta` elfejn tliet mija hamsa u tletin ewro u hamsin centezmu (€2,335.50) in kwantu ghal elf mitejn hamsa u sebghin ewro u erbgha u disghin centezimu (€1,275.94) bhala arretrati ta` paga, u in kwantu ghal elf u disgha u hamsin ewro u sitta u hamsin centezmu (€1,059.56) bhala rifuzjoni ta` ammonti ta` *petty cash*.**

**Tipprovdi dwar ir-raba` (4) talba billi tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma likwidata bhala dovuta lilu fl-ammont ta` elfejn tliet mija hamsa u tletin ewro u hamsin centezmu (€2,335.50) bl-imghax legali b`effett mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**